# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 167/2015**

Il-Pulizija

(Spettur Carlos Cordina)

(Spettur Jason Sultana)

vs

**Christopher Schembri**

iben Anthony, imwieled Pieta', fit-3 ta' Lulju, 1982, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 362782(M)

Illum, 03 ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Christopher Schembri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli nhar it-2 ta' April, 2015, ghall-habta tas-siegha u nofs ta' fil-ghodu (1.30a.m.) u fil-hinijiet ta' qabel gewwa l-Gzira u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin :

1. Naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona LL.D) b'digriet datat 18 ta' Frar, 2015 li bih huwa nghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jaghmilx reat u garanzija personali ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Magistrat Dr Anthony Vella LL.D) b'digriet datat 30 ta' Awwissu, 2011, li bih huwa nghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jaghmilx reat u depozitu ta' elfejn Ewro (€2,000) u

garanzija personali ta' elfejn Ewro (€2,000) bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' April, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 579, 49, 50, 31, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kundannatu xahrejn (2) prijunerija u ordnat wkoll ir-revoka tal-liberta' provizorja kif riflessa fid-digrieti lilha ezebiti.

Rat ir-rikors tal-appellant Christopher Schembri minnu pprezentat fit-8 ta' April, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet htija fl-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u minflok tvarja l-piena nflitta u tissostitwixxiha b'piena anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

> "Illi l-esponent appellant jhoss bir-ragun kollu illi l-Ewwel Qorti kienet harxa fis-sentenza moghtija lilu. Dan stante illi l-istess artikolu 579 fil-proviso tieghu, jipprovdi illi il-Qorti wara li tkun semghet it-trattazzjoni u kull prova relatata mal-kaz ta` ksur tal-kundizzjonijiet mposti fuq imputat, f'kazijiet fejn il-ksur jkun wiehed mhux ta` portata li tkun ikkagunat reati ohra bhal serq, reati fuq il-persuna et sequitur, allura tista tinfliggi piena anqas harxa minn prigunerija jew ossia bhal kaz odjern revoka tal-helsien mill-arrest;
>
> L-appellant ma qadx jahli hin lil Qorti u dan huwa rifless fl-ammissjoni immedjata tieghu waqt il-prezentata b'arrest tieghu. Id-difiza (mhux opposta mill-prosekuzzjoni) spejgat lil Qorti kif preseduta fl-arrest, illi l-esponent qieghed fi stat prekarju immens kagun ta` diversi talbiet hafna minnhom bla bazi u ikkonestati minn socjeta li tissupplixxi diesel lil bowsers sabiex dawn jqassmu fuel lil terzi klijenti taghhom. L-appellant huwa wiehed minn dawn id-*distributors of fuel,* licenzjat mill-Enemalta permezz ta` zewgt trukkijiet li jqassmu pitrolju u diesel. Il-persuna misjuba fil-prezenza tal-appellant fil-vettura gewwa l-Gzira, nhar it-2 t` April fis-1.15am, hija l-istess wahda li maghha zviluppa argument shun precizament quddiem l-ufficju tal-avukat tas-socjeta allegatament kreditirici mal-appellant.
>
> Kien hawn li l-appellant jimmerita piena inqas harxa: David Vella cjoe il-persuna li maghha instab l-appellant, ghamel kuntatt mall-appellant sabiex jitkellmu, u l-appellant, (dejjem zbaljat li ghamel cjoe hareg wara l-10pm), accetta u mar jisma x'ghandu xi jghid Vella. Jsegwi li il-fatt li persuna damet 3 sighat izjed barra u ma nstabitx Paceville tixrob u tiddeverti, izda instab hdejn vettura ta` Vella, ftit il-boghod minn fejn l-appellant jirrisjedi cjoe' Sliema, ghandu jimmerita piena ta` multa kif tipprovdi l-istess artikolu 578 tal-Kap 9. Insibu kazijiet ferm izjed serji, bi ksur tal-kundizzjonijiet izjed gravi bhal per

ezempju, *P vs (Spettur Michael Mallia) vs Charles Ryan Vella*[1] fejn l-imputat dam izjed minn xahrejn ma jiffirma il-ktieb tal-*bail* meta suppost jiffirma kulljum. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) immultatu 200 euro multa wara ammissjoni, bhal kaz in ezami.

Illi hawn il-qofol kollu tal-aggravju fl-appell odjern, huwa il-piena nflitta: l-istess proviso fil-Kap 9 (art. 579), ipprovda ghal sitwazzjonijiet fejn Gudikant irid jevalwa sitwazzjoni fejn jew imputat inqabad jisraq meta suppost jkun rinkazat, jew imputat inqabad fis-sakra Paceville jew postijiet simili fil-5am meta suppost jkun rinkazat 10pm, u sitwazzjoni bhal tal-esponent li cempillu David Vella sabiex jiltaqa mieghu u jkellmu dwar il-problemi li ghandhom pendent mas-socjeta AC Fuels.

B'hekk l-appellant apparti li ammetta immedjatament waqt il-prezentata b'arrest tieghu, certament jimmerita piena anqas harxa, bhal multa u sadanittant intavola rikors kontestwalment sabiex jerga jinghata l-liberta provvisorja. L-Ewwel Qorti mhux biss ikkundannatu ghal piena ta` xaghrejn effettivi, izda wkoll irrevokatlu il-helsien mill-arrest!"

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant jilmenta unikament illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda wisq harxa tenut kont tal-ksur zghir minnu kommess ta' wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu ghall-ghoti ta' helsien mill-arrest f'proceduri penali li kien hemm pendenti kontra tieghu. Jikkontendi illi huwa gie misjub barra wara il-hin ta' rinkazar mill-pulizija fejn f'kazijiet simili l-qrati erogaw piena tal-multa u mhux dik tal-prigunerija effettiva bhal dik imposta fuqu mill-Ewwel Qorti. L-appellant jishaq illi l-Ewwel Qorti kellha timponi piena aktar miti ukoll ghaliex huwa ammetta minnufih l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

---

[1] 12/11/2014 Mag Dr A. Vella. Prezentata b'arrest.

Illi it-taghlim gurisprudenzjali jiggwida lill-qorti ta' revizjoni sabiex bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Mhux biss izda din il-Qorti tqies ukoll illi huwa xi ftit jew wisq odjuz illi qorti ta' revizjoni tvarja il-piena erogata meta din tkun wahda gusta u fil-parametri u dan ghaliex hemm xi disparita ma' xi sentenza ohra simili. Dan ghaliex ic-cirkostanzi ta' kull kaz huma differenti. Lanqas meta ikun hemm zewg ko-akkuzati misjuba hatja ta'l-istess reati ma jinhass illi ghandu ikun hemm revizjoni fejn hemm disparita fil-piena, ahseb u ara meta si tratta ta' kazijiet kompletament estranji ghal xulxin bhal fil-kaz in dizamina.

Illi l-Blackstone ighid hekk fir-rigward: (*Blackstone's Criminal Practice*, 2001 (para. D22.47 a fol. 1650)

> "***A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by Stroud (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant <u>was wrong in principle or manifestly excessive</u>. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his lordship put it, 'The appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept'. Other similar decisions include Brown [1975] Crim LR 177, Hair [1978] Crim LR 698 and Weekes (1980) 74 Cr App R 161…. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, Wood (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.***

Issa l-Ewwel Qorti immotivat d-decizjoni taghha fuq zewg premessi bl-ewwel wahda tkun dik illi l-appellant instab barra fil-hinijiet tard ta' bil-lejl u allura l-infrazjoni ma kenitx wahda zghira

u ukoll qieset il-kumpanija li kien maghha meta gie intercettat mill-pulizija. Qieset ukoll illi l-appellant fil-fatt, b'dan l-att ta' sfida lejn l-awtorita' tal-Qorti, kien qed jikser zewg digrieti ghal ghoti tal-helsien mill-arrest wiehed datat 18 ta' Frar 2015 u iehor tat-30 ta' Awwissu 2011 moghtija t-tnejn mill-Qorti tal-Magistrati. Finalment hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali refrattarja tal-appellant. Abbazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma, fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi, illi kellha timponi piena karcerarja effettiva ghal infrazzjoni kommessa mill-appellant.

Illi din il-qorti ghalhekk ma tistax issib xi mottiv wiehed li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti u dan ghaliex ma jidhirx illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz il-piena erogata, li *del resto* kienet wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi, kienet b'xi mod ingusta u/jew eccessiva. Di fatti mir-rapport *PIRS* esebiet in atti jirrizulta illi l-membri tal-pulizija mis-sezzjoni tar-*Rapid Intervention* intercettaw vettura li fiha kien hemm erba' persuni suspettuzi fejn f'tfittxija li saret instabu sahansitra arma tan-nar, munizzjon, *flickknives* u sikkina. L-arma tan-nar instabet proprju fuq il-persuna tal-appellant. Illi allura il-Qorti ma tistax taqbel ma' dak sottomess mill-appellant illi l-ksur kien wiehed minimu meta mill-kondizzjonijiet imposti fuqu ghal helsien mill-arrest huwa kellu jirrinkaza mhux aktar tard mid-disgha ta' fil-ghaxija u inqabad barra fis-siegha u nofs ta' fil-ghodu f'vettura fil-kumpanija ta' tlett persuni ohra li kienu armati, inkluz l-appellant li kien qed igorr arma tan-nar fuqu.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur